MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## MANDUCA PHILIP

Seduta ta' 02 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 841/2001/1

**John Cachia**

**Vs.**

**Saviour Portelli**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li fih l-attur talab il-hlas ta' Lm368 rappresentanti danni sofferti n-konsegwenza ta' incident stradali li gara fit-3 ta' Lulju 2000 fil-Qrendi bejn vettura LAF 618 misjuqa mill-konveunt u l-vettura BAR 963 misjuqa minn Alexander Cachia ghal liema incident l-konvenut kien unikament responsabbli.

It-Tribunal ra r-Risposta fejn l-konvenut qal li l-incident kien tort tal-attur.

Ra li skond il-Pulizija li investiga l-incident l-attur qal : "he was proceeding from the direction of tal-Maqluba area through Triq it-Tempesta. He stated that Vehicle No.

LAG\F 618 (Pajero) was driving in front of him ..in the same direction…..LAF618 showed his intention to turn on his right side of the road but suddenly he changed his direction to the center of the Qrendi without indicating his turn and the collision occurred.

Il-konvenut qal: “while proceeding through triq it-Tempesta he intended to turn left to Qrendi center. When suddenly he heard a brake scream and vehicle BAR963 collided into his vehicle”.

Ra d-dokumenti immarkati nru. 18 sa 22.

Ra s-seduta datata 10 ta’ Jannar 2002 li fiha xehed John Cachia fejn qal li dakinhar tal-incident hu ma kienx presenti izda kien qed isuq it-tifel tieghu. Esebixxa ukoll Dok JC u Dok JC1.

Ra fl-istess seduta tal-10 ta’ Jannar 2002 li fiha xehed Alexander Cachia fejn qabel mal-iskizz. Alexander Cachia qal li l-konvenut kien qed isuq quddiemu u hareg il-barra lejn il-lemin. Huwa qal li baqa sejjer izda meta wasal prattikament hdejh il-konvenut lewa fuq ix-xellug ghal fuqu. Ikkonferma wkoll li ma rax indicator minn naha tal-konvenut.

Ra l-kontro-ezami fl-istess seduta maghmul minn Dr. Joe Sammut. Alexander Cachia ikkonferma li kien gej bi twenty miles per hour u li kien hemm breakmarks ta’ xi 8.40 metres.

Ra s-seduta datata 13 ta’ Mejju 2002 li fiha xehed il-konvenut Saviour Portelli fejn qal li kien xi tlieta jew erba’ piedi l-boghod mix-xellug tat-triq qabel ma dar. Meta kiser fuq ix-xellug kien kwazi aktar min-nofs il-gewwa u l-attur baqa dihel go fih.

Ra l-kontro-ezami ta’ Dr. Joe Zammit McKeon. Il-konvenut ikkonferma li ma rax l-vettura l-ohra qabel il-habta u jikkonferma ukoll li qabel ma dar lejn ix-xellug qala il-barra.

Ra n-nota tal-attur u n-nota risponsiva tal-konvenut datata 27 ta' Mejju 2002.

Illi l-konvenut kien negligenti meta hareg il-barra qabel ma dar fuq ix-xellug.

Regola kardinali ta' *lane discipline* hija dik li fil-passagg minn lane ghall-iehor is-sewwieq m'ghandux jikkaguna xi inkonvenjent jew periklu ghall-vetturi ohra. Huma principji stabbiliti li:

1. Qabel ma tbiddel id-direzzjoni ghanek tnaqqas il-velocita u thares mill-mera sabiex tara huwiex gej traffiku minn warajk (haga li l-konvenut ma jirrizultax li ghamel ghaliex l-ewwel darba li ra l-vettura l-ohra kien wara l-habta – (ara xhieda tal-konvenut a 13 ta' Mejju 2002).

2. Is-sinjali li wihed jaghti jridu jsiru fil-hin u fil-lok opportun biex jistghu jkollhom l-effett taghhom (ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs G. Sapiano** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali – Vol. XXIX.iv.558);

3. Il-fatt li wiehed jixghel l-*indicator* ma jaghtihx xi dritt li jaghmel li jrid (ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs J. Bartolo deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali – Vol. XXXVIII.iv.868)

Illi f'dan il-kaz l-konvenut qieghed jallega li kien diga dar. Il-konvenut ma allegax li uza l-indicator u ammetta li qabel ma dar fuq ix-xellug qala l-barra. Ammetta ukoll li qabel il-habta ma kienx ra lil karozza tal-attur. Dawn ic-cirkostanzi juru l-htija kienet tal-konvenut. Kieku l-konvenut kien "ghamel dik il-manuvra fil-mument tal-habta" kieku kien jghid dan lil Pulizija ezatt wara l-incident.

L-ammont ta' danni ma gewx kkontestati u jidhru ragjonevoli.

Ghaldaqstant it-Tribunal jichad ir-risposta tal-konvenut, jiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli ghal incident in kwistjoni u jordna li l-konvenut jhallas Lm368 lil attur bl-ispejjes u bl-imghax mit-22 ta' Settembru 2000.

**Philip Manduca**
**Gudikant**